MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25/2016

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

25.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 21/07/2016, 22/07/2016 u 23/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

25.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

25.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Il-Viċi-Sindku daħal għall-laqgħa fil-5.25p.m. u skuża ruħu.

25.3.1 Is-Sindku qal illi l-*playing area* fi Triq Skapuċċina għadha m'hix inawgurata u jixraq li tiġi inawgurata f'Jum iż-Żebbuġ.

25.3.2 Chev C Saliba rrimarka li l-berġa fi Pjazza l-Assunta lanqas ġiet inawgurata minn meta ġiet rinovata. Il-Kunsill qabel li jinawgura dawn f'Jum iż-Żebbuġ.

25.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` tal-Ippjanar irrifjutat l-applikazzjoni tal-permess PA/05673/16 tal-passaġġ fil-limiti ta' Kuljat. Il-Perit attenda għal dan is-smiegħ fejn spjega u wieġeb għal kull domanda u kkjarifika dak li kien hemm bżonn.

**25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

25.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

25.5 Korrispondenza;

25.5.1 Ċirkulari Nru. 40/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kodiċi ta' Etika.

25.5.2 Ċirkulari Nru. 41/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Rimunerazzjoni tal-Kenniesa tat-Toroq f'Kuntratti ma' Kunsilli Lokali.

25.5.3 Ċirkulari Nru. 42/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar il-Proċess ta' Akkwist (Procurement). Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi hija attendiet għas-sessjonijiet li saru mqassma fuq jumejn.

25.5.4 Ċirkulari Nru. 43/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017.

25.5.5 Ċirkulari Nru. 44/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Seminar dwar Xandir Soċjali (Social Media), l-uzu tal-Wi-Fi u Taħriġ dwar Opportunitajiet ta' Fondi mill-Programm 'Europe for Citizens'.

25.5.6 Ċirkulari Nru. 45/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki.

25.5.7 Ċirkulari Nru. 46/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied.

25.5.8 Ċirkulari Nru. 47/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva ta' Taħriġ – Sistema ta' Akkwist Elettroniku (l-ePPS) (www.etenders.gov.mt).

25.5.9 Ċirkulari Nru. 48/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Il-Community Workers' Scheme fil-Kunsilli Lokali. Il-Viċi Sindku staqsa kif ħadd ma ġie kkwalifikat biex jaħdem mal-Kunsill taż-Żebbuġ. Ġie mwieġeb illi l-ETC ħadet din id-deċiżjoni.

25.5.10 Direttiva Numru 5/2016 – Donazzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

25.5.11 Ċirkulari AKL 64/2016 – Laqgħa ta' informazzjoni – Skemi tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'fondi għall-Kunsilli Lokali.

25.5.12 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett *Cultural Tours 2017 – Expression of Interest*.

25.5.13 Ittri mibgħuta mill-i*staff* klerikali tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-ġranet ta' btala mhux utilizzati matul l-2016. It-talbiet ta' Cutajar u Grima kienu approvati mill-Kunsill.

25.5.14 Komunikat minn WEEE Malta dwar il-WEEE Trolleys. Dawn it-*trolleys* għandhom il-għan li fihom il-pubbliku inġenerali jarmi materjal tal-elettriku u l-elettronika żgħir ta' mhux aktar minn 40cm. WEEE qed toffri Euro20 għal kull tunnellata ta' dan l-iskart li jinġabar. Il-Kunsill qabel li jaċċetta dan ir-reċipjent u jitpoġġa fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joħroġ avviż lir-residenti meta dan ir-reċipjent jasal fil-Kunsill.

25.5.15 Komunikat minn Young Minds Ltd rigward bini għal *Child Care Centre* fil-lokal.

25.5.16 *E-mail* mingħand Jennifer Bonello dwar sezzjonijiet tal-*aerobics* flimkien mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali qabel illi jsiru dawn is-sezzjonijiet bħas-snin ta' qabel.

25.5.17 L-Avv. Tatiane Scicluna Cassar mill-Ministeru għal Għawdex infurmat lill-Kunsill illi l-kont pendenti mal-ARMS tas-servizz tad-dawl tal-*playing field* taż-Żebbuġ irid jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jittieħed parir legali dwar dan.

25.5.18 MEUSAC bagħtet korrispondenza bis-suġġett New EU Funding Opportunities under ERDF.

25.5.19 Korrispondenza mingħand Helen Markstein rigward il-possibilita' li jsir il-motto PAX bil-ġebel fil-lokalita`.

25.5.20 Stima tal-Perit tal-passaġġ bejn Triq Mons De Piro u Triq il-Knisja. L-istima hija €5,370 għax-xogħol tal-passaġġ u €13,500 għar-*railing*, total ta' €18,870. Wara li saret diskussjoni fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill, il-

Kunsill qabel li jagħmel applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar dan ix-xogħol.

25.5.21 Komunikat mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija dwar dimostrazzjoni tal-Bambin u kunċert mużikali – Milied 2016. Chev C Saliba ssuġġerixxa li ssir *working session* mas-Soċjeta' Filarmonika dwar din il-korrispondenza. Il-Kunsill qabel. Hawnhekk tqajmet diskussjoni fiċ-ċirkustanzi li jinstab fihom il-Kunsill. Ġie deċiż li jekk sal-aħħar ta' Jannar 2017 ma jkollniex risposta tas-sitwazzjoni li jinsab fiha l-Kunsill vis-à-vis id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill jista isib ruħu f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista jiffunzjona aktar.

**25.6 Rapporti tal-Bord tal-Evalwazzjoni**
**Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ**

25.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din l-offerta kien li l-ewwel xahar tingħata *direct order* u wara toħroġ kwotazzjoni għal tlett xhur. Wara dawn it-tlett xhur trid toħroġ offerta għal sena.

25.6.2 **Kwotazzjoni nru. 07/2016**
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-kamra li kienu ntefgħu żewġ kwotazzjonijiet għat-tindif u żamma tal-latrina pubblika. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

- Josephine Vella €1,320.00 (vat eskluż);
- Franco Sicluna €2,562.30 (vat eskluż).

25.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla li kien iltaqa' qabel. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Josephine Vella għaliex kienet l-irħas offerta u l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċiżjoni tal-Bord.

25.6.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla għal stampar tal-kalendarju 2017. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Gozopress peress li kienet l-irħas kwotazzjoni u l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25.7 Sejħiet għall-offerti;**
**Tindif u żamma tal-*playing field* taż-Żebbuġ u l-*promenade* tal-Qbajjar;**

25.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-kuntratt ser jiskadi fit-28 ta' Frar 2017. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ din l-offerta flimkien mal-offerta tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ.

25.7.2 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li ma' din l-offerta jiġi nkluż Ġnien Serħan is-Sagħtrija.

**25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

25.8.1 Il-minuti tal-laqgħat bin-nru. KAM19/2016 tat-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 u KAM20/2016 tat-Tnejn, 14 ta' Novembru 2016 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

25.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Perit tal-Kunsill sabiex jattendi għall-laqgħa biex jispjega d-diskrepanza bejn l-istima u l-kont attwali nru. 87 f' din iċ-ċedola. Il-Perit E Scerri spjega fid-dettall u wieġeb għall-mistoqsijiet kollha li tqajmu mill-membri. Il-Kamra kienet sodisfatta bl-ispjegazzjoni ċara li ngħatat.

25.9.2 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 19/2016 – DOK A għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2016 u l-14 ta' Diċembru 2016 li tammonta għal €128,595.34 kienet approvata u ffirmata.

**25.10 Ilmenti u Suġġerimenti;**

25.10.1 Ilment 45/2016 – il-Kunsillier Chev. C. Saliba
Talab sabiex il-*Petty Cash* jitla għal €100. Il-Kunsill qabel illi jattwa din id-deċiżjoni minn Jannar 2017.

25.10.2 Ilment 46/2016 – is-Sinjura V Scerri
Titranġa spakxin quddiem il-garaxx tagħha 11, 'Dar in-Nanniet' fi Triq Lampuka. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir minn P Caruana. Għandu jsir bażi bil-konkos.

25.10.3 Ilment 47/2016 – is-Sur G Bondin

Talab sabiex tinbidel il-bankina eżistenti quddiem 'Quċċata', Triq Dun Karm Cachia peress li martu kellha aċċident. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-kuntrattur tal-bankini.

25.10.4 Ilment 48/2016 – is-Sinjura V Cini
Isir traqqiegħ taħt il-bankina tar-residenza tagħha 76 Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel li x-xoghol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

25.10.5 Ilment 49/2016 – is-Sinjura J Ham
Issuġġeriet biex jiżdied *skip on wheels* fix-Xwejni u biex jitpoġġew *dog bins* mat-triq fejn hemm is-salini. Il-Kunsill ma qabilx ma dawn is-suġġerimenti.

25.10.6 Ilment 50/2016 – is-Sur L Zahra
Talab sabiex issir ir-rampa bħala aċċess f'għalqa fi Triq is-Sagħtrija li kienet eżistenti qabel ma sar ix-xogħol fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Perit dwar dan il-każ.

25.10.7 Ilment 51/2016 – is-Sur J Grech
Talab sabiex isir traqqiegħ u rranġar ta' ħitan fi Triq tal-Kanun. Il-Kunsill qabel li t-triq tinstab fi stat perikoluż u ddeċieda unanimament illi jirranġa fejn hemm il-periklu bil-kuntratt tal-bankini bl-*item* tal-konkos. Dan ix-xogħol għandu jsir urġenti.

25.10.8 Ilment 52/2016 – il-Kunsillier Chev. C. Saliba
Biex isiru żewġ *bollards* fejn jibda t-taraġ quddiem ta' Nina Tabone fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel.

25.10.9 Ittra mingħand Peter Murray dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fuq il-Bajja tax-Xwejni rigward l-għawm tal-klieb. Il-Kunsill qabel illi dan is-suġġett kien diġa ġie diskuss u kienet diġa ttieħdet deċiżjoni dwaru.

25.10.10 Il-Viċi Sindku ressaq dawn il-proposti:

- Issir *communal bay* quddiem ir-residenza ta' Edgar White fil-bidu ta' Triq Ħabel it-Twil fix-Xwejni. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba lil Transport Malta.
- Jinbnew żewġ ħitan imwaqqa' fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel li dawn jinbnew mill-ħaddiema tas-CMU.

- Il-parti tat-triq li niżlet bejn iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ u dak tal-Għasri. Il-Kunsill qabel li tintbagħat korrispondenza lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan. Chev Saliba rrimarka biex fl-istess korrispondenza tiġi ndikata wkoll il-parti fejn hemm it-tarmak imtella'.
- Il-*pole* bit-tabella li tindika l-kaxxa tad-*disabled* maġenb il-knisja tinqala' u teħel fuq il-bankina peress li kien hemm aċċident. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir minn P Caruana.

25.10.11 Is-Sindku ressaq dawn il-proposti:

- Il-parti ta' ġewwa ta' Sqaq tas-Sajfi jingħata l-konkos. Il-Kunsill qabel.
- Jintalab permess mill-Enemalta biex il-*wiring* li hemm fil-proprjetajiet li qed jinbnew fi Triq Għajn Mhelhel jsir minn taħt l-art. Is-sidien ser iħallsu għal dawn l-ispejjeż. Il-Kunsill qabel.
- Isiru żewġ persjani tal-aluminju fil-maħżen ta' taħt il-*play area* fi Triq Skapuċċina. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir minn Ġanni Aluminium.

25.10.12 Il-Kunsill qabel li:

- Jinxtara *air condition* minflok it-tnejn li hemm ma jaħdmux fl-uffiċċju tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbor tlett kwotazzjonijiet.
- Jinxtara l-kompjuter li ilu biex jinxtara għas-Segretarju Eżekuttiv peress li dak preżenti għandu xi ħsarat. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbor tlett kwotazzjonijiet.

25.10.13 Il-Kunsill qabel li ssir il-laqgħa tal-lokalita` f'Jannar 2017.

## 25.11 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 25.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-ħin ġie deċiż b'vot unanimu.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017.

Nicky Saliba
Sindku

Josianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv